# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-Sitti laqgha tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys li saret fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar il-Erbgha 14 ta' Jannar 2015 fil-5.00 p.m.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assenti)<br>Is-Sur Anthony Gatt<br>Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghas-sitt  laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti Dott. Francesca Zarb, s-Sinjura Helen Montebello u s-Sur Anthony Gatt.

Ghal din il-laqgha ma kienx hemm presenza tal-publiku.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi c-Chairperson, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonjiet.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 5

Il-minuti tal-hames laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija.

Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjur Anthony Gatt.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Dwar il-*Fun Run* Dott. Francesca Zarb qalet li issa wasal iz-zmien biex issir il post-mortem. Fuq kollox din l-attivita marret tajjeb pero xtaqet tigbed l-attenzjoni li fil-fehma taghha hafna minn din it-tigrija kienet qed issir barra l-akwati ta' Fleur-de-lys. Il-membri ikkumentaw li din hija haga inevitabli peress li t-tigrija hija wahda ta 10k. Kumment iehor kien li il-pulizija ghalkhemm dawn kienu avzati li ghandhom joqghodu sal-ahhar tal-attivita, osfru wara l-ewwel dawra. Bhala rispons mill-patecipanti dan kien tajjeb hafna u kien hem il fuq minn 300 partecipant.

## 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

5.1 Dott. Francesca Zarb staqsiet kienx hemm xi zvilupp rigward ic-cifri li kienet talbet hi minghand l-accountant. Is-segretarju spjega li din l-informazzjoni ma kienetx ghada provduta. Pero fakkar ukoll li peress li kienet ghaddiet l-ahhar tas-sena, dalwaqt kellu jsir l-awditjar u ghalhekk kien imminenti li dawn il-figuri ikunu f'idejna.

5.2 Dott. Francesca Zarb staqsiet jekk peress li s-Sindku kienet accettat li l-kunsill ta' Birkirkara jghin fl-ispiza ta €500 biex issir il-*Fun Run* dan peress li fl-2014 ma kienetx saret Gieh Fleur-de-Lys, kienetx lesta li tghin din is-sena fiz-zewg attivitajiet, jigifieri Gieh Fleur-de-Lys u l-*Fun Run* 2015. Is-segretarju talab lil Dott Francesca Zarb x'tixtieq taghmel ghal Gieh Fleur-de-Lys. Hija rrispondit billi qalet li tixtieq tkun bhall dawk li saru fi zmienijiet precidenti. Ghalhekk is-segretarju talab lil Dott. Francesca Zarb biex taghmel lista ta' dawn l-affarijiet u xi kemm jiswew sabiex din titellgha waqt il-laqgha tal-kunsill ta' Birkirkara. Is-segretarju qal lil Dott. Francesca Zarb ghandha taghmel kuntatt mall-persuni li kienu jaghmlu l-bord tal-ghazla biex tara ghandhomx pjaccir li jergu jaghmlu dan ix-xoghol. In-nominazzjonijiet ghandhom johorgu ghall-habta ta' Settembru. Dott. Francesca Zarb qalet li hija importanti liil-gieh jinghata lil xi had li ghadu haj.

5.3 Dott. Francesca Zarb qalet li wasal iz-zmien li ssir il-laqgha publika. Gie deciz li din il-laqgha ghandha ssir il-Gimgha 20 ta' Frar 2015. Ghalhekk il-publiku ghandu jkun infurmat b'dan fil-gimgha li tibda 9 ta' Frar b' mezz ta' fuljett.

5.4 Rigward il-Bieb tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys is-segretarju qal li issa x-xoghol kien beda. Ladarba isir il-pedament ix-xoghol ghandu jitkompla b'ritmu mghaggel peress li hafna mill-gebel kien ga maqtugh. Id-dewmien kien biss htija tad-dipartiment tal-muzuwijiet peress li dawn kellhom jiddeciedu jekk bicca mis-sieq originali li tinsab gewwa r-roundabout kelliex tibqa hemm jew titnehha

5.5 Dott. Francesca Zarb qalet li hemm bzonn tal- *Green Wardens* biex iduru Triq Notabile peress li din tinsab mahmuga minn nies li johorgu l-klieb. Is-segretarju qal li hu ghandu jghaddi dan l-ilment lis-Sindku biex dawn jintbaghtu.

5.6 Dott. Francesca Zarb staqsiet li peress li issa kien beda serviz gdid tat-Trasport Publiku kienx possibli li l-Bus Stop ta' hdejn ir-roundabout ta' Fleur-de-Lys jigi irrangat. Is-segretarju qal li wara li jghaddi ftit taz-zmien hu ghandu jaghmel kuntat ma' l-operatur u jinfurmah dwar dan.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fil-6.00 p.m u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar 2015, fil-5.00 p.m. fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Dott. Francesca Zarb

Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv